# Ħjiel fil-qosor dwar il-Viċendarju Dun Ġużepp Vella fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju minn mewtu

*minn* ***Toni Calleja***

Dun Ġużepp Vella twieled iż-Żebbuġ – Għawdex nhar il-5 ta' Awwissu 1850 minn Gio Andrea u Margarita xebba Zahra. Tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali mill-Kappillan Dun Ġużepp Hili (1840-1862).[1] Ta' sitt snin, nhar it-30 ta' Ottubru 1856, irċieva l-Griżma tal-Isqof fil-Kolleġġjata tal-Assunta minn idejn l-isqof Taljan, l-E.T. Mons. Ġużeppi Maria Bravi, Amministratur tal-Vigarjat Appostoliku ta' Colombo (Sri Lanka) li kien jaġixxi bħala delegat tal-Isqof ta' Malta.[2]

Dwar it-tfulija ta' Dun Ġużepp ma waslilna l-ebda tagħrif speċifiku, imma ma narawx li din setgħet kienet wisq differenti minn tat-tfal l-oħra ta' imparu, għajr li hu tgħallem l-iskola u l-oħrajn le. Mimmaġinaw lil Dun Ġużepp tifel mimli ħajja, imma ta' ġabra: il-knisja; logħob ma' ħutu u t-tfal l-oħra tat-triq tagħhom; il-baħar li tant kien iħobb; xi żjara fl-Għasri, fi Triq Tamar, għand iz-zijiet tiegħu jew il-barba ta' missieru, u xi ftit jew wisq tal-għajnuna fil-mitħna tar-riħ li missieru bena ġdida flok oħra tal-miexi, iż-Żebbuġ stess, fl-1859.


Sagristija, Knisja Parrokkjali Għasri

Billi ħassu vokat għall-ħajja kkonsagrata, sakemm kien għadu ma fetaħx is-Seminarju ta' Għawdex, nhar l-4 ta' Novembru 1866, il-kjeriku Ġużeppi Vella kien jiffrekwenta l-iskola privata, jekk nistgħu nsejħulha hekk, tal-Kan. Dun Tumas Pace S.Th.D., ir-Rabat. Finalment, Dun Ġużepp kien ordnat saċerdot mill-Isqof Antonio Grech Delicata nhar il-21 ta' Marzu 1874.

Fis-16 ta' Diċembru 1872, bil-mewt tal-Kan. Dun Frangisk Mercieca tal-Għasri (*il-Paċikkan:* 1805-1872) inħoloq lok ta' Rettur tal-benefizzju ġuspatronat tal-Wieri, raba' fil-kuntrada tal-għolja ta' Għammar, imwaqqaf minn Andreotta Apap bin Pietru, permezz ta' testment magħmul fl-Atti tan-Nutar Tommaso Gauci tas-27 ta' Awwissu 1596, u permezz ta' Kudiċill sigriet tat-2 ta' April 1602.[3] Billi fost ir-rekwiżiti biex wieħed japplika għat-tali benefizzju kien hemm dik tal-*consanguineo,* jiġifieri li r-rettur magħżul ried ikun l-eqreb fid-demm għall-fundatur, il-kontendenti kienu biss tlieta, fosthom Dun Ġużepp Vella. Kif jidher mill-Arblu tar-Razza li qed nirriproduċu ma' dan l-artikulett ***(ara pp. 140 - 141)***, Dun Ġużepp kien qarib tal-fundatur kemm min-

naħa ta' missieru kif ukoll min-naħa ta' ommu; xi ħaġa interessanti u rari ħafna. Safrattant dan il-kontest spiċċa f'libell ġudizzjarju quddiem il-Qorti Ċivili ta' Għawdex, li dam ikaxkar minn Frar 1874, sat-13 ta' Diċembru 1878; u dan jekk ma nikkonsidrawx l-appell imressaq mill-imsemmi Dun Ġużepp Vella nhar it-23 ta' Diċembru tal-istess sena.(4) Finalment Dun Ġużepp tilef ukoll l-appell; nifhem li kienet għalih disfatta kbira ... psikoloġika u finanzjarja.

Sadattant f'Ġunju 1876 ingħalaq il-kapitlu tal-istorja doloruża tal-Kappillan tan-Nadur Dun Ġwann Battista Grech (1855-1876). Biex jidderiġi l-parroċċa minfloku, issejjaħ il-Viċendarju tal-Għasri, Dun Salv Vella, min-Nadur stess, wara biss ħames xhur li kien ilu fil-ħatra. Floku, l-Isqof Grech Delicata, bagħatilna lil Dun Ġużepp Vella; din id-darba, 'il kontra tat-tlieta ta' qablu, Viċendarju bl-obbligu tar-residenza. Bħala prebenda annwali ħariġlu 25 skud (€4.85) mingħand l-Arċipriet tar-Rabat; 30 skud (€5.82) mingħand l-Arċipriet tal-Għarb, u 30 skud ieħor mingħand il-Kappillan taż-Żebbuġ.(5) Dan minħabba li n-nies tal-Għasri li tagħhom kien qed jieħu kura pastorali, barra l-magħmudijiet, żwiġijiet, funerali, u t-tberik tal-Għid, kienu parruċċani tagħhom it-tlieta.

Fl-Għasri, Dun Ġużepp Vella kien maħbub ħafna tant li n-nies kienet tirriferi għalih bħala 'l-Kappillan': *"s'incontrarono in casa del* ***Cappellano*** *Don Giuseppe Vella".*(6) U bir-raġun li kienu jħobbuh in-nies għax hu kien jaħseb fihom ukoll f'dak li hu materjali. Fis-7 ta' Jannar 1890 Dun Ġużepp kiteb lill-Onorabbli Uffiċċjal Amministrattiv tal-Gvern biex fir-raħal jitwaħħlu xi fanali għall-kumdità tal-popolazzjoni. Qallu li: *"fid-distribuzzjoni tal-fanali fl-irħula ta' din il-gżira, dan ir-raħal tal-Għasri kien kompletament minsi"*, u jkompli, *"ir-raħal tal-Għasri huwa maqsum fi tliet ċentri, ċioè fejn hi l-knisja attwali* (fejn tal-Wied), *fil-misraħ tar-raħal fid-direzzjoni tal-Belt Victoria* (Pjazza s-Salvatur) *u fid-direzzjoni ta' Għammar"*. Il-Viċendarju jispiċċa l-ittra billi jgħidlu li: *"għall-mument biżżejjed li jkollna tliet fanali, ċioè wieħed għal kull ċentru"*. F'dan ir-rikors naraw il-veru kobor ta' Dun Ġużepp, mhux le l-aktar fit-talba fiha nnifisha, iżda fis-sens ta' ġustizzja u imparzjalità murija fit-talba għax min huwa fidil fil-ftit huwa wkoll fidil fil-wisq.

F'raħalna, Dun Ġużepp wettaq diversi affarijiet, fosthom id-Dar Kanonika għall-Viċendarju; dik ta' ħada l-Bażilika tal-Wied. Imma ċertament li l-opra li l-aktar ser jibqa' mfakkar għaliha hija l-bini tal-knisja l-ġdida – il-Knisja tan-Nazzarenu. Saħansitra kien imur hu stess jiġbed il-karru tal-ġebel man-nies. Veru li meta miet kienet għadha nofs għoli, imma biex jaċċerta ruħu li din tkompli miexja 'l quddiem, ħallielha kulma kien fadallu. Kiteb: *"Inħalli l-flus, id-deheb u l-fidda kollha li għandi lill-Knisja tal-Għasri"*.

Il-Viċendarju Dun Ġużepp Vella, mifni minn marda serja ta' minn l-anqas sentejn, nhar il-5 ta' Lulju 1911 – eżatt mitt sena ilu, ħalla din id-dinja mibki minn kull min kien jafu. Kellu kważi 61 sena. Jinsab midfun fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ, għad-dell tal-Assunta, fil-Qabar nru. VI.

---


**Riferenzi**

**1:** [**A**]rkivju [**P**]arrokkjali [**Ż**]ebbuġ, [**Għ**]awdex, Reġistru tal-Magħmudijiet; ara taħt id-data msemmija. Tagħrif mibgħut lili mill-Arċipriet Dun Alwiġ Vella nhar il-5 ta' Frar 1986.

**2:** *L'Ordine – Giornale Politico - Religiosa*, No. 387, Anno VIII, Venerdì 14 Novembre 1856, p. 4822.

**3:** AEG, BB, 26/15, 34 u 86; u BT, 27/419 u 432.

**4:** NAG, CG, 09/2993 [1878], Vol. I, *f.* 1r+; u 09/2994 [1878], Vol II, *f.* 1541r.

**5:** *Libro di Credito del Sig. Rev.do Don Giuseppe Vella, Vicendario della Chiesa Vice-Parrocchiale del Ghasri*, pp.5-6; 9-12, u 13-15. Dan il-manuskritt jinsab fil-kollezzjoni privata tal-awtur.

**6:** Xhieda ta' Rafel Axiaq fil-Qorti Ċivili ta' Għawdex nhar is-27 ta' Marzu 1897. Ara NAG, CG, 04/373 [Ċitazzjonijiet 1897], Vol 3°, *f.* 157r.